MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 1170/2009

**Mario Richard Micallef**

***Versus***

**A.I.Ċ. Anton Zammit u martu Rosa Zammit**

1. F’din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi l-konvenuti jroddulu sitt elef, ħames mija u tnejn u għoxrin euro (€6,522) lilhom imħallsa fuq konvenju akkont tal-prezz tal-bejgħ ta’ proprjetà billi l-bejgħ baqa’ ma seħħx. L-attur kien talab ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b’dikriet tal-15 ta’ Jannar 2010 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali u l-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ kompetenza *ratione valoris* billi t-talba tal-attur hija ta’ valur anqas minn kemm igħid l-art. 47 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni.

2. L-eċċezzjoni hija tajba. L-art. 47 igħid illi hija l-Qorti tal-Maġistrati li tisma’ u tiddeċiedi l-pretensjonijiet kollha

sal-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87). It-talba tal-attur hija għall-ħlas ta' somma determinata, u għalhekk, kif igħid u jrid l-art. 748 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba fis-somma ta' sitt elef, ħames mija u tnejn u għoxrin euro (€6,522), li jaqa' fiil-kompetenza mhux ta' din il-qorti iżda tal-Qorti tal-Maġistrati.

3. Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione valoris* u teħles lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------